Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Mejju 2021
(OR. en)

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0289(COD)**

**8721/21**

**LIMITE**

**JUR 278**
**ENV 303**
**JUSTCIV 87**
**INF 140**
**ONU 46**
**CODEC 691**

**OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI**[1]

| | |
|---|---|
| minn: | Servizz Legali |
| Suġġett: | Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-"Regolament ta' Aarhus" (ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006)<br>– Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, u Parir tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-2021 dwar il-proposta |

# I. INTRODUZZJONI

1. Fit-3 ta' Diċembru 2020, waqt vidjokonferenza informali, il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent talbu lis-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) biex jipprovdi opinjoni bil-miktub dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006[2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Proposta")[3].

[1] Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.
[2] Minn hawn 'il quddiem, ir-"Regolament ta' Aarhus".
[3] COM(2020) 642 final.

2. It-talba għal opinjoni tas-SLK kienet tikkonċerna l-kwistjonijiet li ġejjin:

a) jekk l-inklużjoni ta' atti ta' portata ġenerali fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" fl-Artikolu 1(1) tal-Proposta (li ser tkun soġġetta għas-sistema ta' reviżjoni interna skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus) hijiex kompatibbli mal-Artikolu 263, ir-raba' paragrafu, TFUE; u

b) jekk din id-definizzjoni tinkludix (i) deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 218 TFUE, u (ii) atti adottati abbażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom").

3. Fl-istess ħin, is-SLK intalab jipprovdi din l-opinjoni legali flimkien ma' valutazzjoni tal-parir ipprovdut mill-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus ("ACCC") dwar il-Proposta, ladarba jinħareġ il-parir tal-ACCC. Il-Kummissjoni kienet talbet lill-ACCC biex jipprovdi dan il-parir ġdid fiż-żmien tal-adozzjoni tal-Proposta tiegħu, peress li l-Proposta kienet imfassla biex tindirizza t-tħassib espress mill-ACCC fl-2017 fir-rigward tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus. Dan it-tħassib kien ġie espress fis-sejbiet tal-ACCC adottati fis-17 ta' Marzu 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejjħa s-"Sejbiet tal-ACCC tal-2017")[4]. Il-parir tal-ACCC dwar il-Proposta tal-Kummissjoni nħareġ fit-12 ta' Frar 2021 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Parir tal-ACCC tal-2021")[5].

4. Din l-opinjoni bil-miktub għandha l-għan li twieġeb għal dawk it-talbiet u l-ewwel ser tittratta l-mistoqsijiet imqajma mid-delegazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta, kif imniżżel hawn fuq fil-paragrafu 2, u mbagħad tikkummenta dwar il-Parir tal-ACCC tal-2021, filwaqt li tibni fuq l-opinjoni tas-SLK li tinsab fid-dokument 8445/17 tal-25 ta' April 2017 (minn hawn 'il quddiem l-"Opinjoni tas-SLK tal-2017") li analizzat, fost kwistjonijiet oħra, is-Sejbiet tal-ACCC 2017.

---

4 Is-Sejbiet u r-Rakkomandazzjonijiet tal-ACCC dwar il-Komunikazzjoni ACCC/2008/32 (parti II), relatati mal-"Kawża C-32".

5 https://unece.org/sites/default/files/2021-02/M3_EU_advice_12.02.2021.pdf .



PUBLIC

5. Is-SLK jinnota li f'Settembru tal-2017, fl-aħħar laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, b'segwitu għas-Sejbiet tal-ACCC tal-2017, l-UE ddikjarat li ser tkompli tesplora l-modi u l-mezzi li bihom tista' tikkonforma mal-Konvenzjoni ta' Aarhus b'mod li jkun kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-ordni legali tal-Unjoni u mas-sistema ta' rieżami ġudizzjarju tagħha (...). Is-SLK iqis li huwa lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni li jiġu indirizzati l-kritiki tal-ACCC dwar is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-Unjoni, li hija prevista mil-liġi primarja, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, dawk il-kritiki ma ġewx analizzati f'din l-opinjoni.

PUBLIC

## II. QAFAS FATTWALI U LEGALI

6. Huwa mfakkar li l-Konvenzjoni ta' Aarhus[6] ġiet iffirmata f'isem il-Komunità Ewropea fl-1998 u ġiet konkluża fl-2005[7].

L-Artikolu 9(3) ("*Aċċess għall-ġustizzja*") tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jaqra:

*"(...) "3. Barra minn hekk u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta' reviżjoni msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ta' hawn fuq, kull Parti għandha tiżgura li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun il-każ, stipulati fil-liġi nazzjonali tagħha, il-membri tal-pubbliku għandu jkollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jikkontestaw atti u ommissjonijiet minn persuni privati u minn awtoritajiet pubbliċi li jiksru d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha relatat mal-ambjent"* (enfasi miżjuda).

6 Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali.

7 Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1–3.

7. F'dan ir-rigward, biex jiġu previsti miżuri li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament ta' Aarhus. Peress li r-Regolament ta' Aarhus jikkonċerna biss l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u li dan jikkonċerna biss wieħed mir-rimedji disponibbli għall-individwi biex jiżguraw il-konformità mal-liġi ambjentali tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement sostniet li r-Regolament ta' Aarhus huwa biss wieħed mill-istrumenti li permezz tiegħu jiġu ssodisfati l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Aarhus[8].

F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jistax jiġi invokat sabiex tiġi evalwata l-legalità tar-Regolament ta' Aarhus, peress li l-kontenut ta' dik id-dispożizzjoni mhuwiex kondizzjonali u preċiż biżżejjed[9].

8. Huwa f'dan l-isfond legali li l-ACCC[10] elabora s-Sejbiet tiegħu tal-2017. Minn dawk is-Sejbiet irriżulta li l-Unjoni ma kinitx kompletament konformi mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Is-Sejbiet tal-ACCC tal-2017 jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

   a) L-ewwel konklużjoni tikkonċerna l-limitazzjoni tal-atti tal-Unjoni li jistgħu jkunu s-suġġett ta'reviżjoni interna skont ir-Regolament ta' Aarhus għal dawk ta' portata individwali. L-ACCC qies li l-Konvenzjoni ma tappoġġax tali restrizzjoni, peress li l-Artikolu 9(3) jirreferi għal "atti" b'mod ġenerali[11].

---

8 C-784/18 P, *Mellifera vs il-Kummissjoni*, EU:C:2020:630, paragrafu 88; Il-Kawżi Magħquda C-404/12 P u C-405/12 P, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe*, EU:C:2015:5, il-paragrafu 52; Il-Kawżi Magħquda C-401/12 P u C-403/12 P, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u oħrajn vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht*, EU:C:2015:4, il-paragrafu 60.

9 Kawżi Magħquda C-404/12 P u C-405/12 P, *ibid.*, paragrafi 46-47; Kawżi Magħquda C-401/12 P u C-403/12 P, *ibid.*, paragrafi 54-55.

10 L-ACCC ġie stabbilit bid-Deċiżjoni I/7, adottata mill-ewwel Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, fl-2004, *"għar-rieżami tal-konformità mill-Partijiet mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni."* Madankollu, is-setgħa ta' deċiżjoni dwar dikjarazzjonijiet eventwali dwar in-nuqqas ta' konformità, taqa' fi ħdan il-Laqgħa tal-Partijiet - ara l-paragrafu 37 tat-taqsima XII tad-Deċiżjoni I/7 *("Konsiderazzjoni mil-Laqgħa tal-Partijiet").*

11 Ara l-paragrafi 53 u 95 tas-Sejbiet tal-ACCC tal-2017.



PUBLIC

b) It-tieni waħda tikkonċerna r-restrizzjoni tad-dritt ta' locus standi fir-Regolament ta' Aarhus għal "entitajiet kwalifikati", għalkemm il-Konvenzjoni tirreferi wkoll għal membri tal-pubbliku[12].

c) It-tielet waħda tikkonċerna l-limitazzjoni fir-Regolament ta' Aarhus tat-tip ta' atti tal-Unjoni li jistgħu jiġu kkontestati għal dawk li ġew adottati "skont" il-liġi ambjentali, filwaqt li l-Konvenzjoni tirreferi għal atti li "jiksru" l-liġi ambjentali[13].

d) Ir-raba' waħda hija relatata mal-fatt li huma biss l-atti tal-Unjoni li għandhom "effetti esterni u legalment vinkolanti" li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Aarhus, li l-ACCC sab restrittivi żżejjed[14].

9. Wara s-Sejbiet tal-ACCC tal-2017, fis-6 sessjoni tagħha f'Settembru 2017, il-Laqgħa tal-Partijiet (MOP) għall-Konvenzjoni ta' Aarhus iddeċidiet b'kunsens li tipposponi d-diskussjonijiet dwar l-abbozz ta' deċiżjoni VI/8f dwar l-Unjoni Ewropea[15] għas-sessjoni ordinarja li jmiss tal-MOP li għandha ssir fl-2021. Fl-istess ħin, il-MOP talbet lill-ACCC biex jirrieżamina kwalunkwe żvilupp li kien seħħ fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, u biex jirrapporta lill-MOP kif xieraq[16].

---

12 Ibid., ara l-paragrafu 94.

13 Ibid., ara l-paragrafi 99-101.

14 Ibid., ara l-paragrafu 104.

15 Abbozz ta' Deċiżjoni VI/8f dwar il-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni.

16 Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa - Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, Rapport tas-sitt sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet, il-paragrafi 62 u 63. https://unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/mop6/English/ECE_MP.PP_2017_2_E.pdf



PUBLIC

10. Wara dan, f'Ottubru 2019 il-Kummissjoni ppubblikat studju[17] dwar l-għażliet tal-Unjoni biex tindirizza dawn is-sejbiet. L-istudju kien intalab mill-Kunsill fid-Deċiżjoni (UE) 2018/8819[18]. Dik id-Deċiżjoni talbet ukoll lill-Kummissjoni biex, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġiżlattiva dwar il-kwistjoni. Il-Proposta hija segwitu ta' din it-talba.

11. Il-Proposta tindirizza l-ewwel u t-tielet Konklużjoni tal-ACCC tal-2017, jiġifieri dawk relatati mal-limitazzjoni tal-atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' reviżjoni interna għal dawk (i) ta' portata individwali, u (ii) adottati *"skont"* il-liġi ambjentali.

12. Id-definizzjoni attwali ta' "att amministrattiv" skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus, jaqra: *"(...)"att amministrattiv" tfisser kwalunkwe miżura ta' ambitu individwali taħt il-liġi ambjentali, meħuda minn xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità, u li għandha effetti esterni u li jorbtu legalment; (...)"*.

13. L-Artikolu 1(1) tal-Proposta issa jinkludi <u>atti ta' portata ġenerali</u> fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" kopert mir-Regolament ta' Aarhus, u jiċċara li atti li <u>jiksru</u> l-liġi ambjentali, irrispettivament mill-bażi legali li fuqha jiġu adottati, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu[19].

---

[17] Study on EU implementation of the Aarhus Convention in the area of access to justice in environmental matters (Studju dwar l-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali), Rapport finali, Settembru 2019, 07.0203/2018/786407/SER/ENV.E.4.

[18] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6–7.

[19] Artikolu 1 *"1. Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huwa emendat kif ġej:*
*1. L-Artikolu 2(1)(g) huwa sostitwit b'dan li ġej:*
*"(g) "att amministrattiv" tfisser <u>kull att mhux leġiżlattiv</u> li jiġi adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jkollu effetti legalment vinkolanti u esterni u li jkun fih <u>dispożizzjonijiet li, minħabba l-effetti tagħhom, jafu jkunu jiksru l-liġijiet ambjentali</u> skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1), <u>għajr dawk id-dispożizzjonijiet f'dan l-att li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni espliċitament teżiġi miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali;</u>(...)* (enfasi miżjuda).

14. L-Artikolu 1(1) tal-Proposta jipprevedi wkoll li reviżjoni interna tal-atti tal-Unjoni (jew tad-dispożizzjonijiet tagħhom) li jeħtieġu implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri mhijiex possibbli. Madankollu, fil-każ ta' att mhux leġiżlattiv tal-Unjoni li jeħtieġ implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-Artikolu 1(2) jipprevedi li reviżjoni interna tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak l-att hija possibbli flimkien ma' reviżjoni interna ta' tali miżuri ta' implimentazzjoni, ladarba dawk jiġu adottati[20].

15. L-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill dwar il-Proposta ġie approvat fis-17 ta' Diċembru 2020[21]. Fl-Approċċ Ġenerali ġie abbozzat mill-ġdid l-Artikolu 1(1) u (2) kif ġej[22]:

*"Artikolu 1*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huwa emendat kif ġej:*

*1. L-Artikolu 2(1)(g) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"(g) "att amministrattiv" tfisser kull att mhux leġiżlattiv li jiġi adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jkollu effetti legalment vinkolanti u esterni (...)*[23]*;*

*2. L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:*

*"1. Kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 għandha d-dritt li tagħmel talba għal reviżjoni interna lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni li*

adottaw att amministrattiv jew, fil-każ ta' ommissjoni amministrattiva allegata, kellhom jadottaw tali att, għar-raġuni li dan l-att jew din l-ommissjoni jiksru l-liġi ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1).

---

20 L-Artikolu 1(2) "L-*Artikolu 10* (tar-Regolament ta' Aarhus) *huwa emendat kif ġej:*
*(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:*
*"1. (...)*
*Meta att amministrattiv ikun miżura ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jkun meħtieġ minn att ieħor mhux leġiżlattiv, l-organizzazzjoni mhux governattiva tista', flimkien mat-talba tar-rieżami ta' dik il-miżura ta' implimentazzjoni, titlob ukoll ir-rieżami tad-dispożizzjoni tal-att mhux leġiżlattiv li minħabba fiha tkun meħtieġa dik il-miżura ta implimentazzjoni.*" (enfasi miżjuda).

21 ST 13937/20.

22 Żidiet sottolinjati.

23 Premessa 10(a) ġdida tgħid:
*"(10a) Skont il-każistika tal-QĠUE, att jitqies legalment vinkolanti, u għalhekk jista' jkun soġġett għal talba ta' rieżami, irrispettivament mill-forma tiegħu, peress li n-natura tiegħu bħala legalment vinkolanti titqies fir-rigward tal-effetti, l-objettiv u l-kontenut tiegħu.*" (il-konsiderazzjoni tal-każistika tħalliet barra).

*Dawk id-dispożizzjonijiet ta' att amministrattiv li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni espliċitament teżiġi miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali ma jistgħux ikunu l-oġġett ta' talba għal reviżjoni interna.(...).*

*Meta att amministrattiv ikun miżura ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jkun meħtieġ minn att ieħor mhux leġiżlattiv, l-organizzazzjoni mhux governattiva tista', madankollu, flimkien mat-talba tar-rieżami ta' dik il-miżura ta' implimentazzjoni, titlob ukoll ir-rieżami tad-dispożizzjoni tal-att mhux leġiżlattiv li minħabba fiha tkun meħtieġa dik il-miżura ta' implimentazzjoni."*

PUBLIC

16. Il-Parir tal-ACCC tal-2021 dwar il-Proposta jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

a) l-ewwel konklużjoni tirrepeti l-kritika tal-2017 tar-restrizzjoni tal-locus standi skont ir-Regolament ta' Aarhus għal *"entitajiet kwalifikati"*[24];

b) it-tieni konklużjoni tikkonċerna d-definizzjoni ġdida ta' "att amministrattiv fl-Artikolu 2(1)(g); li fir-rigward tiegħu l-ACCC tesprimi tħassib *"dwar l-implikazzjonijiet tal-użu tat-terminu "adottat" f'dan il-kuntest u jekk jillimitax il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti li jistgħu jkunu soġġetti għal kontestazzjoni skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus*[25];

c) it-tielet konklużjoni tirrepeti l-kritika tal-ACCC tal-2017 li r-rekwiżit għall-atti inkwistjoni li jkollhom "effetti legalment vinkolanti" hija restrittiva wisq[26];

d) fir-raba' konklużjoni tiegħu, dwar l-esklużjoni tal-atti amministrattivi (jew dispożizzjonijiet tagħhom) li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Istat Membru mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Aarhus, l-ACCC, filwaqt li jirrikonoxxi li l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri ma jistgħux jiġu rieżaminati mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, iqis li għandu jkun possibbli li l-att tal-Unjoni jiġi rieżaminat ladarba jiġu adottati tali miżuri ta' implimentazzjoni[27]. (enfasi miżjuda).

---

24 Il-paragrafu 37 tal-Parir tal-ACCC tal-2021.
25 Ibid., il-paragrafu 46.
26 Ibid., paragrafi 52-55.
27 Ibid., paragrafi 65-68.

17. Fl-aħħar nett, l-ACCC jirrakkomanda wkoll li l-Unjoni għandha "żżomm f'moħħha" l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-komunikazzjoni ACCC/C/2015/128 fil-proċess leġiżlattiv, ladarba jinħarġu. Dan jikkonċerna l-esklużjoni, fir-Regolament ta' Aarhus, ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' għajnuna mill-Istat meħuda mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Il-proposta ma tintroduċi l-ebda emenda f'dan ir-rigward. Dawn il-konklużjonijiet inħarġu sussegwentement, fis-17 ta' Marzu 2021, u ma jiffurmawx parti mill-proċedimenti li l-Proposta hija mfassla biex tindirizza[28]. Għalhekk, lanqas ma huma indirizzati f'din l-opinjoni.

PUBLIC

## III. <u>KUMMENTI PRELIMINARI DWAR L-ASPETTI TAR-REGOLAMENT TA' AARHUS U TAL-EMENDI PROPOSTI GĦALIH</u>

### A. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni interna u l-aċċess għall-ġustizzja

18. Qabel ma jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma mid-delegazzjonijiet u l-ACCC, huwa utli li jiġu deskritti fil-qosor l-elementi ewlenin tas-sistema ta' reviżjoni interna prevista mir-Regolament ta' Aarhus. Għandu jiġi nnutat li, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta jaġixxu f'kapaċità ġudizzjarja jew leġiżlattiva[29].

19. Huwa mfakkar li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirrikjedi li jkunu disponibbli rimedji amministrattivi <u>jew</u> ġudizzjarji għal atti li jiksru l-liġi ambjentali. Ma jeħtieġx it-tnejn.

20. L-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus jipprevedi sistema ta' "reviżjoni interna" minn entitajiet kwalifikati fir-rigward ta' "atti amministrattivi" tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni skont il-liġi ambjentali.

---

28 Kawża C-32; ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna hawn fuq.
29 L-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament ta' Aarhus.

21. L-NGOs li jissodisfaw il-kriterji skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (l-"entitajiet kwalifikati") huma intitolati li jitolbu lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni li jkun adotta tali att amministrattiv (jew, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, li kellha tadotta tali att), biex jipproċedu għal reviżjoni amministrattiva interna ta' dak l-att. L-istituzzjoni trid tikkunsidra kwalunkwe talba bħal din, sakemm ma tkunx b'mod ċar mhux sostanzjata, u tipprovdi tweġiba bil-miktub f'ċertu perijodu ta' żmien[30]. Dan jikkostitwixxi d-deċiżjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp dwar ir-reviżjoni interna.

22. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Aarhus, l-entità kkwalifikata tista' mbagħad tikkontesta d-deċiżjoni (jew in-nuqqas li tittieħed deċiżjoni) dwar ir-reviżjoni interna, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat. Għandu jiġi nnutat li tali dritt ta' azzjoni jikkonċerna biss id-deċiżjoni dwar ir-reviżjoni interna li tkun ġiet indirizzata lill-entità kwalifikata (jew in-nuqqas li tiġi adottata deċiżjoni bħal din jekk hija kienet intitolata li tirċievi waħda). Pereżempju, entità kwalifikata tista' titlob reviżjoni interna ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq maħruġa mill-Kummissjoni lil parti oħra. Hija tista' tikkontesta l-eżitu ta' dik ir-reviżjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, tali azzjoni quddiem il-Qorti ma tikkonċernax l-annullament possibbli tal-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni nnifisha, li l-entità kkwalifikata ma għandhiex locus standi sabiex tikkontesta. L-azzjoni tal-entità kkwalifikata quddiem il-Qorti tikkonċerna biss l-annullament possibbli tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba tagħha għal reviżjoni interna, li tagħha hija d-destinatarja.

## B. Id-definizzjoni ta' "att amministrattiv"

23. Id-definizzjoni attwali ta' "att amministrattiv" skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus jistħoqqlu wkoll attenzjoni.

30 Jekk ma tkunx tista' tipprovdi tweġiba fil-ħin, trid tinforma lill-entità kwalifikata f'ċertu perijodu ta' żmien bir-raġunijiet għan-nuqqas tagħha li taġixxi u meta jkollha l-ħsieb li tagħmel dan.



PUBLIC

24. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali reċentement eżaminat jekk id-definizzjoni attwali ta' atti "*li għand[a]hom effetti esterni u li jorbtu legalment*" skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus, li fir-rigward tagħhom tista' tintalab reviżjoni interna, għandhiex tinqara bħala li tikkorrispondi mal-formulazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE. Fis-sentenza *ClientEarth vs BEI* (Kawża T-9/19)[31], il-Qorti Ġenerali fakkret li r-riżultat tal-proċedura ta' reviżjoni amministrattiva interna prevista fl-Artikolu 10 jista' jkun is-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti skont l-Artikolu 12, u li tali proċeduri għandhom jinfetħu skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE.

Il-Qorti kompliet: "*Fid-dawl tar-rabta li teżisti għalhekk bejn il-kunċett ta' att li jipproduċi "effetti esterni u li jorbtu legalment", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament Aarhus, u dak ta' att li jipproduċi effetti legali fil-konfront ta' terzi, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, huwa raġonevoli, fl-interess tal-koerenza ġenerali, li l-ewwel wieħed jiġi interpretat b'mod konformi mat-tieni wieħed*"[32].

PUBLIC

25. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk tibbaża ruħha fuq il-formulazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE sabiex tinterpreta l-portata tal-atti amministrattivi definiti fl-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus, minkejja l-fatt li l-vokabularju użat huwa differenti.

26. Barra minn hekk, huwa nnotat li d-definizzjoni attwali ta' att amministrattiv tikkonċerna biss atti ta' "portata individwali". Ċerti tipi ta' miżuri huma esklużi wkoll mid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" taħt ir-Regolament ta' Aarhus, skont l-Artikolu 2(2) tiegħu. Dan jipprevedi li l-miżuri meħuda minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni fil-kapaċità tiegħu bħala korp ta' reviżjoni amministrattiv, bħal fil-kuntest tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-proċedimenti ta' ksur, mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv". Ma ġiet proposta l-ebda bidla għall-Artikolu 2(2).

[31] Kawża T-9/19**,** *ClientEarth vs Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI),* EU:T:2021:42.

[32] Ibid.**,** il-paragrafu 149. Madankollu, għandu jiġi nnutat li din is-sentenza hija attwalment taħt appell, għalkemm ir-raġunijiet tal-appell għadhom mhumiex pubbliċi (Kawżi C-212/21 P, u C-223/21 P).

27. Kif spjegat, il-Proposta, kif emendata mill-Approċċ Ġenerali, għandha l-għan li tespandi d-definizzjoni ta' att amministrattiv biex tinkludi *"kwalunkwe att mhux leġiżlattiv adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li għandu effetti esterni u legalment vinkolanti"*, bl-esklużjoni ta' dawk li espliċitament jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew dak nazzjonali. Din l-esklużjoni issa hija riflessa f'emenda għall-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus, stabbilita fl-Artikolu 1(2) tal-Proposta, flimkien mal-eċċezzjoni relatata mal-possibbiltà li tintalab reviżjoni interna tal-miżura ta' implimentazzjoni tal-Unjoni, ladarba tiġi adottata, flimkien mad-dispożizzjoni tal-att mhux leġiżlattiv li jipprevedi dik il-miżura ta' implimentazzjoni. Din id-definizzjoni tinkludi miżuri kemm ta' portata individwali kif ukoll ta' portata ġenerali.

28. Huwa nnutat li fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tispjega li *"id-definizzjoni twessgħet sabiex tkun tkopri l-miżuri mhux leġiżlattivi li jikkorrispondu ma' "atti regolatorji" skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 tat-TFUE"*[33]. Hija tindika li fl-esklużjoni tal-atti regolatorji li jeħtieġu miżuri ta' implementazzjoni, hija segwiet il-ġurisprudenza tal-Qorti li interpretat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

---

[33] Il-kunċett ta' "atti regolatorji" ġie ċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenza tal-Awla Manja tat-3 ta' Ottubru 2013, *Inuit Tapiriit Kanatami a.o. vs Il-Parlament u l-Kunsill* (C-583/11 P, EU:C:2013:625, il-paragrafi 58 sa 61). Hemmhekk, il-Qorti sabet li t-terminu jirreferi għal *"atti ta' applikazzjoni ġenerali bl-esklużjoni tal-atti leġiżlattivi"*. Reċentement, f'sentenza tal-Awla Manja tas-6 ta' Novembru 2018, *Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni*, il-Qorti indikat speċifikament li t-terminu jestendi għall-atti mhux leġiżlattivi kollha ta' portata ġenerali mingħajr eċċezzjoni. (C-622/16 P, EU:C:2018:873, il-paragrafi 24 sa 28). Dan il-każ, madankollu, kien jikkonċerna kompetituri ta' benefiċjarji ta' deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li, il-Qorti sabet, *"affettwaw direttament is-sitwazzjoni legali tagħhom"* (Ibid., paragrafu 51) u *"ipproduċew effetti b'mod purament awtomatiku bis-saħħa tar-regoli tal-UE biss u mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra"* (Ibid., paragrafu 54).

29. Huwa minnu li l-esklużjoni ta' atti mhux leġiżlattivi li jeħtieġu miżuri ta' implementazzjoni mill-proċedura ta' reviżjoni interna tikkorrispondi għall-esklużjoni ta' atti regolatorji li jeħtieġu tali miżuri mill-possibbiltà ta' kontestazzjoni minn rikorrent mhux privileġġat skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE[34]. Madankollu, is-SLK iqis li d-definizzjoni proposta ta' atti amministrattivi, kif tinsab fl-Artikolu 1(1) tal-Proposta (kif modifikata mill-Approċċ Ġenerali), tista' tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-entitajiet kwalifikati jitolbu reviżjoni interna ta' kwalunkwe miżura mhux leġiżlattiva tal-Unjoni li jkollha effetti esterni u legalment vinkolanti, kemm jekk il-kondizzjonijiet l-oħra tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jiġu ssodisfati kif ukoll jekk le (jiġifieri irrispettivament minn jekk tali miżuri jistgħux jiġu kkontestati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE minn applikanti mhux privileġġati). Huwa biss permezz ta' qari kkombinat tal-paragrafi (1) u (2) tal-Artikolu 1 li l-esklużjoni (tal-inqas parzjali) tal-possibbiltà li tintalab reviżjoni interna tal-atti li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni ssir evidenti.

Is-SLK iqis li jkun rakkomandabbli li ssir aktar ċara, jew fil-parti operattiva tat-test jew fi premessa, li l-kunċett ta' "att amministrattiv" ikopri kemm atti ta' portata individwali kif ukoll atti regolatorji li jistgħu jiġu kkontestati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

## IV. KOMPATIBBILTÀ TAL-PROPOSTA MAR-RABA' PARAGRAFU TAL-ARTIKOLU 263, TFUE

30. Ċerti delegazzjonijiet issuġġerew li l-estensjoni proposta tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni interna prevista mir-Regolament ta' Aarhus lil hinn minn atti ta' kamp ta' applikazzjoni individwali hija inkompatibbli mal-Artikolu 263, ir-raba' paragrafu, TFUE.

[34] "Applikant mhux privileġġat" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tista' tikkontesta l-legalità tal-atti tal-Unjoni quddiem il-Qorti biss meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-ewwel, it-tieni u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 263 TFUE. "Applikant privileġġat" (bħal Stat Membru) mhux meħtieġ jissodisfa l-kondizzjonijiet tar-raba' paragrafu ta' dak l-Artikolu sabiex iressaq tali kontestazzjoni.



PUBLIC

31. Is-SLK preċedentement ikkunsidra din il-kwistjoni fl-opinjoni tas-SLK 2017. F'din l-opinjoni, huwa ta l-parir li jkun legalment possibbli għal atti ta' portata ġenerali li jiffurmaw is-suġġett ta' dritt li tintalab reviżjoni interna skont ir-Regolament ta' Aarhus, filwaqt li jirrikonoxxi li tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni inevitabbilment toħloq piżijiet prattiċi u amministrattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati (il-paragrafi 30-36 tal-opinjoni tas-SLK 2017).

32. F'dan il-kuntest, is-SLK spjega li tali approċċ ikun kompatibbli mal-każistika tal-Qorti, li tindika li parti għajr id-destinatarju ta' miżura tista' tiddikjara li hija direttament u individwalment ikkonċernata minn dik il-miżura fejn hija tikseb drittijiet proċedurali speċifiċi mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni. Madankollu, il-portata preċiża ta' dak id-dritt ta' azzjoni tiddependi fuq il-pożizzjoni legali tal-parti inkwistjoni, kif iddefinita mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, bil-għan li jiġu protetti l-interessi leġittimi tagħha. Kif ġie spjegat fil-paragrafu 22 hawn fuq, id-dritt għal azzjoni maħluq mir-Regolament ta' Aarhus (id-dritt li tintalab reviżjoni interna) ma jfissirx li l-miżura sostantiva inkwistjoni tista' sussegwentement tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament minn dik il-parti. Minflok, id-dritt ta' azzjoni tal-parti jikkonċerna d-deċiżjoni dwar ir-reviżjoni interna, skont id-drittijiet proċedurali li ngħatawlha mir-Regolament ta' Aarhus.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan l-approċċ f'diversi kawżi, b'mod partikolari fil-kawża *TestBioTech*[35], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-kontestazzjoni tal-appellanti fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba tagħha għal reviżjoni interna ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn, ċerta fażola tas-sojja modifikata ġenetikament. Hija sabet li tali reviżjoni kienet tikkonċerna biss il-valutazzjoni mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni, u mhux l-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni nnifisha (paragrafi 37-38)[36].

---

35 Il-kawża C-82/17 P, *TestBioTech eV a.o. vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2019:719.

36 Ara wkoll il-Kawża C-352/19 P, *Région de Bruxelles-Capitale vs il-Kummissjoni*, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus "*ma jistax ikollu l-effett li jbiddel il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263*", EU:C:2020:978, il-paragrafu 26.



PUBLIC

Is-sentenza fl-ewwel istanza kienet speċifikat ukoll li l-entità kwalifikata li titlob reviżjoni interna ma tistax teħtieġ, fi tmiem ir-reviżjoni interna, li tittieħed miżura speċifika mill-istituzzjoni jew mill-korp ikkonċernat u li l-għażla ta' miżuri li għandhom jiġu adottati wara reviżjoni interna tkun kompletament diskrezzjonali għall-istituzzjoni jew il-korp inkwistjoni[37].

PUBLIC

34. Bl-istess mod, fil-Kawża T-108/17, *ClientEarth vs Il-Kummissjoni*[38], il-Qorti Ġenerali spjegat f'ċertu dettall għaliex it-talba tar-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni inkwistjoni kienet inammissibbli (il-paragrafi 24-31), inkluż il-fatt li tali talba tmur kontra s-sistema ta' rimedji ġudizzjarji stabbilita mit-Trattati. Sussegwentement, hija kkunsidrat (u ċaħdet) l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-allegata illegalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal reviżjoni interna ta' dik id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

35. Is-SLK iqis li l-istess approċċ jista' legalment jittieħed fir-rigward ta' atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif stabbilit fil-Proposta. Għalhekk, entità kwalifikata li ma jkollhiex locus standi sabiex tikkontesta l-adozzjoni ta' tali att, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, tista' tingħata d-dritt li titlob reviżjoni interna ta' dak l-att, u li tikkontesta d-deċiżjoni dwar din ir-reviżjoni interna quddiem il-Qorti. Tali approċċ huwa kompatibbli mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kemm jekk huma kkonċernati atti ta' portata individwali jew ta' portata ġenerali[39].

---

37 Kawża C-177/13 P, *TestBioTech eV a.o. vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2016:736, il-paragrafu 55

38 EU:T:2019:215.

39 Għandu jiġi nnutat li, fil-kuntest ta' tali kontestazzjoni, ma jistax jiġi eskluż li f'ċerti każijiet jista' jkun possibbli għal entità kkwalifikata li tinvoka eċċezzjoni ta' illeġittimità fir-rigward tal-att amministrattiv li huwa s-suġġett tar-reviżjoni interna, skont l-Artikolu 277 TFUE, minkejja li ċ-ċirkostanzi li fihom tali eċċezzjoni hija ammissibbli huma relattivament stretti.

## V. ATTI ADOTTATI SKONT L-ARTIKOLU 218 TFUE

PUBLIC

36. Xi delegazzjonijiet staqsew jekk id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 218 TFUE jistgħux ikunu s-suġġett ta' reviżjoni interna, jekk ir-Regolament ta' Aarhus jiġi emendat kif propost. Id-delegazzjonijiet staqsew b'mod partikolari dwar id-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) TFUE, dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, u l-Artikolu 218(5) TFUE, dwar l-iffirmar ta' tali ftehimiet. Iż-żewġ tipi ta' deċiżjonijiet ser jiġu indirizzati wara xulxin, qabel ma ssir referenza għad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, u deċiżjonijiet skont l-Artikolu 218(9) TFUE. Huwa mfakkar li dawn id-deċiżjonijiet kollha jikkostitwixxu atti legali vinkolanti tal-Unjoni skont l-Artikolu 288 TFUE.

### A. Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) TFUE

37. Huwa ċar li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali skont l-Artikolu 218(6) TFUE huma ta' natura legalment vinkolanti u jistgħu jiġu kkontestati minn applikanti privileġġati. Barra minn hekk, il-Qorti ddeċidiet b'mod konsistenti li, skont l-Artikolu 216(2) TFUE, meta ftehimiet internazzjonali jiġu konklużi mill-Unjoni Ewropea, dawn ikunu vinkolanti għall-istituzzjonijiet tagħha[40].

38. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ħaditx deċiżjoni speċifikament fuq il-kwistjoni dwar jekk jeżistux ċirkostanzi li fihom tali deċiżjonijiet jistgħu jiġu kkontestati minn rikorrenti mhux privileġġati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. F'*obiter dictum* f'kawża li tikkonċerna l-inizjattivi taċ-ċittadini (kif previst fl-Artikolu 11 TUE u l-Artikolu 24 TFUE), il-Qorti Ġenerali kkummentat li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) TFUE jipproduċu "*effetti legali indipendenti*", peress li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE jinvolvu "*modifika tal-liġi tal-Unjoni Ewropea*", minħabba l-inklużjoni tal-ftehim fil-qafas legali tal-Unjoni[41], mingħajr ma tiddeċiedi espressament dwar is-suġġett.

---

[40] Ara l-Kawża C-366/10, *Air Transport Association of America a.o. vs Secretary of State for Energy and Climate Change,* EU:C:2011:864, il-paragrafu 50, u l-ġurisprudenza ċitata fih. Huwa mfakkar li, skont ġurisprudenza kostanti, il-ftehimiet internazzjonali nfushom ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' azzjoni ta' annullament; ara l-Kawżi Magħquda C-402/05 P u C-415/05 P, *Kadi and Al Barakaat International Foundation v Il-Kunsill u l-Kummissjoni,* EU:C:2008:461, il-paragrafu 286.

[41] T-754/14, *Efler et vs Il-Kummissjoni*, EU:T:2017:323, il-paragrafu 43.

39. Din il-kwistjoni dwar jekk rikorrenti mhux privileġġat jistax jikkontesta deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 218(6) TFUE hija eżaminata mill-Qorti Ġenerali f'diversi kawżi pendenti.

40. Tnejn minn dawn il-kawżi jinvolvu *Front Polisario*. Fil-Kawża T-279/19, *Front Polisario* qed jikkontesta Deċiżjoni tal-Kunsill[42] dwar il-konklużjoni ta' ċerti emendi għal żewġ Protokolli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju mal-Marokk. Fil-Kawża T-344/19, *Front Polisario* qed jikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim[43]. Il-kwistjoni tal-locus standi hija kwistjoni fiż-żewġ kawżi. Dawn il-kawżi jsegwu żewġ sentenzi li jikkonċernaw Deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti skont l-Artikolu 218(6) TFUE, fejn *Front Polisario* instab li kellu locus standi fl-ewwel istanza, iżda din is-sentenza ġiet annullata fl-appell[44].

41. Hemm kawżi oħra pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali li fihom tqajmet l-istess kwistjoni ta' locus standi fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit[45]. Dawn il-kawżi għandhom jiċċaraw ukoll il-pożizzjoni fir-rigward taċ-ċirkostanzi, jekk ikun hemm, li fihom tali deċiżjonijiet jistgħu jiġu kkontestati minn applikanti mhux privileġġati.

42. Huwa ssuġġerit li konsiderazzjonijiet rilevanti jinkludu n-natura tad-deċiżjoni inkwistjoni, in-natura tal-ftehim ikkonċernat, u kwalunkwe dritt jew obbligu ta' partijiet terzi previsti mill-ftehim.

---

[42] Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/217/UE tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 34, 6.2.2019, p. 1).

[43] ĠU L 77, 20.3.2019, p.4.

[44] Kawża T-512/12, *Front Polisario vs il-Kunsill*, EU:T:2015:953, imħassra fl-appell permezz tal-Kawża C-104/16 P, *Il-Kunsill vs Front Polisario*, EU:C:2016:973.

[45] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1-6). Ara l-Kawżi pendenti T-198/20, *Shindler a.o. vs il-Kunsill;* T-231/20, *Price vs il-Kunsill;* T-252/20, *Silver vs il-Kunsill.*

PUBLIC

Konsiderazzjoni ulterjuri tirrigwarda l-fatt li f'ħafna każijiet ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni jeħtieġu diversi miżuri ta' implimentazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jaffettwaw il-pożizzjoni legali ta' partijiet terzi. F'każijiet bħal dawn, huma l-miżuri ta' implimentazzjoni (sew jekk fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali) li jistgħu jiġu kkontestati f'konformità mas-sistema ta' rieżami ġudizzjarju tal-Unjoni (inkluż rinviju preliminari possibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja minn qorti nazzjonali invokata minn tilwima fir-rigward ta' tali miżuri ta' implimentazzjoni). Huwa ċar li meta tali miżuri ta' implementazzjoni jkunu meħtieġa, deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' tali ftehim internazzjonali ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi kkontestata skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

43. Bħala konklużjoni, is-SLK iqis li għadu mhux ċar jekk id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali jistgħux, għall-inqas f'ċerti ċirkostanzi, jiġu ttrattati bħala li jistgħu jiġu kkontestati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fin-nuqqas ta' ġurisprudenza ċara dwar dan is-suġġett, mhuwiex possibbli li jiġi ddikjarat li dawn id-deċiżjonijiet qatt ma jistgħu jiġu kkontestati minn rikorrenti mhux privileġġati.

44. Għalhekk, l-estensjoni tal-portata tad-definizzjoni ta' "atti amministrattivi" fil-Proposta tfisser li ma jistax jiġi eskluż li f'ċerti każijiet entitajiet kwalifikati, fit-tifsira tar-Regolament ta' Aarhus, jistgħu jkunu intitolati li jitolbu lill-Kunsill iwettaq reviżjoni interna ta' tali deċiżjonijiet, jew tal-inqas li ser ikollhom raġunijiet biex jargumentaw li għandhom dritt jagħmlu dan, u li sussegwentement ikunu jistgħu jikkontestaw ir-riżultat ta' dik ir-reviżjoni interna quddiem il-Qorti.

45. Matul id-diskussjonijiet dwar il-Proposta, ġie ssuġġerit informalment li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) TFUE ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni interna prevista fih. Huwa sostnut li l-għan ta' tali deċiżjonijiet huwa sempliċement li jippermettu l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali, u li għalhekk id-deċiżjoni hija ta' natura proċedurali u, bħala tali, ma tistax timmodifika s-sitwazzjoni legali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi u lanqas ma tista' taffettwa l-interessi tagħhom.

PUBLIC

46. Madankollu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 38, 42 u 43 ta' hawn fuq, is-SLK iqis li huwa inċert jekk il-Qorti taċċettax dan l-argument.

PUBLIC

### B. Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(5) TFUE

47. Is-sitwazzjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(5) TFUE dwar l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali tista' tiġi distinta minn deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni skont l-Artikolu 218(6) TFUE.

48. Is-SLK iqis li hemm raġunijiet sodi biex jiġi argumentat li deċiżjoni tal-Kunsill li sempliċement tipprevedi l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali ma tistax, bħala tali, tkun is-suġġett ta' azzjoni minn applikanti mhux privileġġati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Tali deċiżjonijiet sempliċement jawtorizzaw l-iffirmar tal-ftehim inkwistjoni u jawtorizzaw lill-President tal-Kunsill jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-ftehim f'isem l-Unjoni[46].

49. Madankollu, il-pożizzjoni hija inqas ċara fejn id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim internazzjonali kollu jew parti minnu. B'hekk, uħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha tal-ftehim isiru operazzjonali permezz tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar stess, qabel id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni li għandha tiġi segwita. Dan ifisser li deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, f'termini tal-effetti legali potenzjali tagħha fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi, tista' titqies bħala ekwivalenti għall-effetti legali tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni, u l-konsiderazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 38 u mill-paragrafu 42 sa 46 hawn fuq ikunu rilevanti wkoll.

---

[46] F'ċerti każijiet jista' jkun fiha wkoll dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet li jippreċedu l-konklużjoni tal-ftehim. Ara, pereżempju, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1915 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (ĠU L 297, 18.11.2019, p. 1–2 ): "*Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sigurtà u l-integrità tas-sistema tal-Belarussja għall-ħruġ ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, u għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fid-dawl ta' tali valutazzjoni, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.*"

### C. Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE

50. Il-paragrafi (3) u (4) tal-Artikolu 218 TFUE jipprevedu deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw il-ftuħ ta' negozjati għal ftehim internazzjonali, li jinnominaw in-negozjatur jew il-kap tat-tim tan-negozjati, li jindirizzaw direttivi lin-negozjatur, u li jaħtru kumitat speċjali li f'konsultazzjoni miegħu jridu jsiru n-negozjati.

PUBLIC

51. Skont ġurisprudenza stabbilita, deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE trid titqies li tikkostitwixxi att preparatorju fir-rigward ta' deċiżjoni sussegwenti possibbli biex jiġi ffirmat u konkluż tali ftehim. Bħala att preparatorju, dan jipproduċi effetti legali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, iżda ma jipproduċix effetti fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi u għalhekk ma jistax jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi ta' dawn il-persuni[47].

52. Għaldaqstant, tali deċiżjonijiet ma jistgħux jiġu kkontestati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

### D. Deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE

53. L-Artikolu 218(9) TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim internazzjonali, meta dak il-korp jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, jew ta' deċiżjonijiet li jissospendu l-applikazzjoni ta' ftehim.

54. Jista' jiġi argumentat li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Unjoni ma għandhomx effetti legali fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, b'tali mod li jkunu jistgħu jikkontestaw skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE peress li sempliċement jiddefinixxu l-pożizzjoni li għandha tiġi sostnuta mir-rappreżentant tal-Unjoni fil-korp internazzjonali inkwistjoni. Għalhekk, tali deċiżjoni hija ta' natura preparatorja.

---

[47] Kawża T-376/18, *Front populaire pour la libération de la saguia-el-hamra et du rio de oro (Front Polisario) vs Il-Kunsill*, EU:T:2019:77, paragrafu 28; T-458/17, *Shindler a.o. vs Il-Kunsill*, EU:T:2018:838, paragrafi 39-41; Kawża T-754/14, ara n-nota 41 f'qiegħ il-paġna, paragrafu 34; Kawża C-425/13, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, EU:C:2015:483, paragrafu 28; Kawża C-114/12, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill*, EU:C:2014:2151, paragrafu 40.

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 218(9) TFUE ma jirriżultawx neċessarjament f'deċiżjonijiet li jittieħdu minn dak il-korp internazzjonali. Lanqas id-deċiżjonijiet tal-korp internazzjonali nfushom mhu ser ikollhom neċessarjament effetti legali fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi. Madankollu, fin-nuqqas ta' każistika ċara dwar il-kwistjoni, u minħabba l-varjetà wiesgħa ħafna ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati skont l-Artikolu 218(9) TFUE, mhuwiex possibbli li jiġi ddikjarat b'ċertezza li tali deċiżjonijiet qatt ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni interna prevista fil-Proposta.

55. L-istess japplika fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE li jissospendu l-applikazzjoni ta' ftehim. Huwa mfakkar li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Kunsill jieħu tali deċiżjoni. Ma jistax jiġi eskluż li, f'ċerti ċirkostanzi, jista' jiġi argumentat li deċiżjoni bħal din għandha effetti legali fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi. Bħal fil-każ ta' deċiżjonijiet li jikkonkludu ftehimiet internazzjonali, il-valutazzjoni tkun tiddependi fuq in-natura tad-deċiżjoni u tal-ftehim ikkonċernat, u fuq id-drittijiet jew l-obbligi tal-partijiet terzi fir-rigward tal-ftehim, u fuq jekk il-ftehim internazzjonali nnifsu jistax ikollu effett dirett lejn partijiet terzi jew għandux bżonn miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li d-dritt għal reviżjoni interna previst fir-Regolament ta' Aarhus jista' jkun applikabbli fir-rigward ta' tali deċiżjonijiet, għall-inqas f'ċerti ċirkostanzi.

**E. Konklużjoni intermedja dwar atti adottati skont l-Artikolu 218 TFUE**

56. Bħala konklużjoni dwar l-Artikolu 218 TFUE, kif deskritt hawn fuq, fin-nuqqas ta' każistika ċara dwar is-suġġett, ma jistax jiġi eskluż li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali skont l-Artikolu 218(6) TFUE jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jitqiesu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti soġġetti għal reviżjoni interna skont il-Proposta. L-istess jista' jkun il-każ fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali skont l-Artikolu 218(5) TFUE, sa fejn dik id-deċiżjoni tipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim inkwistjoni kollu jew parti minnu, u fir-rigward ta' ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE.

PUBLIC

## VI. ATTI ADOTTATI SKONT IT-TRATTAT TAL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA (EURATOM)

PUBLIC

57. Xi delegazzjonijiet staqsew jekk atti adottati skont it-Trattat Euratom jistgħux ikunu s-suġġett ta' reviżjoni interna skont ir-Regolament Aarhus, kif emendat mill-Proposta.

58. Il-Qorti Ġenerali reċentement indirizzat il-kwistjoni dwar jekk ir-Regolament ta' Aarhus (kif abbozzat attwalment) japplikax għal miżura adottata abbażi tat-Trattat Euratom, f'kawża li tikkonċerna r-rifjut li jingħata aċċess għal dokumenti mfassla dwar dik il-miżura (Kawża T-307/16, *CEE Bankwatch Network vs Il-Kummissjoni*, EU:T:2018:97).

59. Fil-paragrafu 46 ta' dik is-sentenza, il-Qorti kkonstatat li: *"skont it-titolu tiegħu, il-premessi tiegħu u d-dispożizzjonijiet tiegħu, ir-Regolament Nru 1367/2006 jimplimenta, fil-qasam ta' informazzjoni, obbligi assunti fil-kuntest ta' konvenzjoni internazzjonali li għaliha l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ma hijiex parti, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Aarhus. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2005/370/KE tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Aarhus (ĠU 2005, L 124, p. 1), din il-konvenzjoni ġiet approvata biss f'isem il-Komunità Ewropea, illum l-Unjoni. <u>Peress li ma hijiex parti għal din il-konvenzjoni, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ma tistax tkun suġġetta,</u> fin-nuqqas ta' indikazzjoni f'sens kuntrarju, <u>għall-obbligi li jinsabu fir-Regolament li jimplimentaha</u>."* (enfasi miżjuda).

60. Il-Qorti kompliet billi fakkret li l-miżuri adottati skont it-Trattat Euratom ma humiex neċessarjament suġġetti għall-obbligi li huma applikabbli fil-qafas tal-Unjoni Ewropea. Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Unjoni Ewropea huma <u>organizzazzjonijiet separati</u>, stabbiliti bi <u>trattati separati</u>, u b'personalitajiet legali separati (paragrafu 47 u l-każistika ċitata).

61. Huwa indika li l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom jagħmel applikabbli ċerti dispożizzjonijiet tat-TUE u tat-TFUE. L-Artikolu 192 TFUE, li huwa l-bażi legali tar-Regolament ta' Aarhus, ma jagħmilx parti minn dawn id-dispożizzjonijiet. Minn dan isegwi li l-miżuri adottati abbażi tal-Artikolu 192 TFUE ma jistgħux jiġu applikati fil-qafas tal-Euratom (il-paragrafi 48-49).

PUBLIC

62. Il-Qorti kkonkludiet li r-Regolament ta' Aarhus kien japplika biss fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, u mhux għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Euratom (paragrafu 50).

63. Fil-prinċipju, huwa għalhekk ċar li l-atti adottati abbażi tat-Trattat Euratom mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Aarhus.

64. Għall-kuntrarju, huwa minnu li f'appell li jikkonċerna każ reċenti ta' għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li t-TFUE għandu għanijiet ferm aktar estensivi mill-għanijiet settorjali tat-Trattat Euratom, u li, peress li t-TFUE *"jagħti lill-Unjoni Ewropea kompetenzi estiżi f'diversi oqsma u setturi, ir-regoli tat-TFUE japplikaw fis-settur tal-enerġija nukleari meta t-Trattat Euratom ma jinkludix regoli speċifiċi. Konsegwentement, peress li t-Trattat Euratom ma jinkludix regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 107 TFUE jista' japplika f'dan."* (Kawża C-594/18 P*, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*)[48] (enfasi miżjuda).

65. Il-Qorti kompliet li t-Trattat Euratom *"ma ttrattax b'mod eżawrjenti l-kwistjonijiet ambjentali li jikkonċernaw is-settur tal-enerġija nukleari. Għalhekk, it-<u>Trattat Euratom ma jipprekludix l-applikazzjoni f'dak is-settur tar-regoli tal-liġi tal-UE dwar l-ambjent</u>."* (paragrafu 41) (enfasi miżjuda). Dan kien il-każ kemm għal dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, bħall-Artikolu 11 TFUE, kif ukoll għal dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju. F'dak ir-rigward, il-Qorti fakkret li d-Direttiva 2011/92/UE, dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, tapplika għall-impjanti tal-enerġija nukleari u reatturi nukleari oħra (il-paragrafi 42 u 43).

---

[48] EU:C:2020:742. Dan jirrifletti l-ġurisprudenza preċedenti li permezz tagħha l-Qorti sabet li, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi fit-Trattat Euratom, jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE. Ara l-Opinjoni 1/94, EU:C:1994:384, fejn il-Qorti fakkret li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE ma setgħux jidderogaw minn dawk tat-Trattat Euratom, iżda ddeċidiet li, peress li t-Trattat Euratom ma kien fih l-ebda dispożizzjoni relatata mal-kummerċ estern, "*xejn ma jipprekludi li l-ftehim konklużi abbażi ta' l-Artikolu 113 tat-Trattat KE (issa l-Artikolu 207 TFUE) jiġu estiżi għall-kummerċ internazzjonali tal-prodotti Euratom*" (il-paragrafu 24).

66. Is-SLK iqis li minn dawn iż-żewġ kawżi jsegwi li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Aarhus japplikaw għall-miżuri adottati skont it-TFUE (jew TUE) li jikkonċernaw il-qasam tal-enerġija nukleari. Madankollu, dawn ma japplikawx għal miżuri adottati skont it-Trattat Euratom innifsu, jiġifieri għal deċiżjonijiet ibbażati fuq it-Trattat Euratom. Ma hemm xejn fil-Proposta li jbiddel din l-analiżi.

PUBLIC

## VII. RESTRIZZJONI FUQ IL-LOCUS STANDI BIEX TINTALAB REVIŻJONI INTERNA LIL "*ENTITAJIET KWALIFIKATI*"

67. Il-Parir tal-ACCC tal-2021 jikkonferma mill-ġdid l-analiżi tiegħu fl-2017 fis-sens li, fir-rigward tad-dritt li tintalab reviżjoni interna: billi jeskludi l-membri kollha tal-pubbliku ħlief l-NGOs li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 11 tiegħu, ir-Regolament ta' Aarhus jonqos milli jimplimenta b'mod korrett l-Artikolu 9, il-paragrafu 3 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus[49].

68. Xi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar jekk estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Aarhus biex tippermetti li kategorija usa' ta' entitajiet kwalifikati, jew saħansitra membri tal-pubbliku, jitolbu reviżjoni interna ta' atti amministrattivi, tkunx kompatibbli mat-Trattati.

69. Is-SLK ikkummenta wkoll dwar din il-kritika fl-opinjoni tas-SLK tal-2017 (il-paragrafi 37 u 38). Is-SLK ikompli jqis li jkun legalment possibbli li r-Regolament ta' Aarhus jiġi emendat sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt li tintalab reviżjoni interna lil hinn minn dak previst fil-verżjoni attwali tar-Regolament ta' Aarhus (l-Artikolu 11 tiegħu jistabbilixxi l-kriterji li l-NGOs għandhom jissodisfaw sabiex ikunu eliġibbli li jitolbu reviżjoni interna ta' atti amministrattivi). Din hija essenzjalment kwistjoni għall-koleġiżlaturi meta jiddeċiedu kif l-aħjar jirriflettu r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni.

---

[49] Il-paragrafu 37 tal-Parir tal-ACCC tal-2021.

70. F'dan ir-rigward, is-SLK jinnota li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni nnifsu jipprevedi li l-Partijiet jistgħu jistabbilixxu kriterji li għandhom jiġu ssodisfati qabel ma l-membri tal-pubbliku[50] jista' jkollhom aċċess għal proċeduri ta' rieżami amministrattiv fir-rigward ta' atti u ommissjonijiet meqjusa li jiksru l-liġi ambjentali tagħha. L-ACCC irrikonoxxa wkoll li l-ftuħ ta' rieżami amministrattiv għall-individwi kollha jammonta għal *actio popularis* li mhuwiex meħtieġ skont il-Konvenzjoni[51]. Minflok, l-ACCC ikkummenta, fir-rigward tal-NGOs, li l-kriterji imposti ma għandhomx ikunu daqshekk stretti li jimpedixxu lill-organizzazzjonijiet ambjentali kollha jew kważi kollha milli jikkontestaw tali atti jew omissjonijiet. F'dan ir-rigward, huwa mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Aarhus għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni meta jiddefinixxu r-regoli għall-implimentazzjoni tal-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus[52] (enfasi miżjuda).

PUBLIC

## VIII. KUMMENTI TAL-ACCC DWAR ID-DEFINIZZJONI TA' ATTI AMMINISTRATTIVI FIL-PROPOSTA

### A. Atti li għandhom "effetti esterni li jorbtu legalment"

71. Il-Parir tal-ACCC tal-2021 afferma mill-ġdid is-suġġeriment tiegħu, li sar għall-ewwel darba fl-2017, li jiġi emendat it-terminu "*li jkollu effetti esterni li jorbtu legalment*" (enfasi miżjuda), li huwa wieħed mir-rekwiżiti biex att jitqies li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "*att amministrattiv*" kemm fil-verżjoni attwali tar-Regolament, kif ukoll fil-verżjoni emendata ta' din id-definizzjoni fil-Proposta (ara l-paragrafi 12 u 13 u n-nota 19 f'qiegħ il-paġna hawn fuq). L-ACCC iqis li dan it-terminu huwa restrittiv wisq, u għandu jiġi emendat sabiex jirreferi għal atti "*li jkollhom effetti legali u esterni*" (enfasi miżjuda). Huwa jirrikonoxxi li att jeħtieġ li jipproduċi effetti legali sabiex jikser il-liġi ambjentali, iżda jqis li l-inklużjoni tat-terminu "*vinkolanti*" tista' teskludi ċerti atti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta[53].

---

50 L-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni jiddefinixxi l-pubbliku bħala persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar, u, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom.

51 Ara l-paġna 194 tal-Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li tikkwota s-sejbiet tal-Kumitat ta' Konformità fil-Kawża ACCC/C/2005/11.

52 Kawżi Magħquda C-401/12 P sa C-403/12 P, ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 59.

53 Huwa ġeneralment mifhum li t-terminu "*effetti esterni*" għandu l-istess tifsira bħal "*effetti fil-konfront ta' partijiet terzi*".

72. Sabiex jiġi indirizzat dan is-suġġeriment, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk it-tħassir tal-kelma "*vinkolanti*" jbiddilx b'mod sostanzjali l-portata tad-definizzjoni.

73. Huwa mfakkar li l-Qorti, xi drabi, għamlet distinzjoni bejn atti "*li għandhom effetti legali*" u atti "*legalment vinkolanti*". Fil-kawża OIV, dwar id-definizzjoni ta' atti li għandhom effett legali fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid, għalkemm fihom infushom mhumiex legalment vinkolanti, tqiesu li għandhom effetti legali peress li kienu "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-*[Unjoni]"[54].

74. B'mod iktar ġenerali, fir-rigward tal-kunċett ta' atti li għandhom effetti legali skont l-Artikolu 263 TFUE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tipprevedi li sabiex jiġi ddeterminat jekk att għandux effetti legali, il-forma tal-att hija irrilevanti. Minflok, dak li huwa kruċjali huma l-effetti, il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-att inkwistjoni[55]. F'uħud minn dawn il-kawżi l-Qorti użat it-terminu "*effetti legali*"[56], f'konformità mal-formulazzjoni tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 263 TFUE, waqt li f'oħrajn irreferiet għal atti skont l-Artikolu 263 TFUE bħala atti ta' "*natura vinkolanti*"[57] jew li għandhom "*forza vinkolanti*" (u

[54] Kawża C-399/12, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

[55] Kif indikat ukoll fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta, ara l-paġni 8 u 9. Ara l-Kawżi Konġunti 1/57 u 14/57, *Usines à tubes de la Sarre vs High Authority*, ECR 1957-1958 p.105; il-Kawża 60/81, *IBM vs Il-Kummissjoni*, EU:C:1981:264, il-paragrafu 9; il-Kawża 22/70, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, EU:C:1971:32, il-paragrafu 42; il-Kawża C-325/91, *Franza vs il-Kummissjoni* ECR I-3283, il-paragrafu 9; il-Kawża C-57/95, *Franza vs il-Kummissjoni*, EU:C:1997:164, il-paragrafu 22;
il-Kawża C-147/96, *In-Netherlands vs Il-Kummissjoni* [2000] ECR I-4723, il-paragrafu 27; il-Kawżi Konġunti C-463/10 P u C-475/10 P, *Deutsche Post u l-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, EU:C:2011:656, il-paragrafu 36.
F'dan is-sens, il-kawża C-303/90, *Franza vs il-Kummissjoni*, [1991] ECR I-5315, il-paragrafi 8 u 10; Il-Kawżi Konġunti C-213/88 u C-39/89, *Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu vs Il-Parlament* [1991] ECR I-5643, il-paragrafu 15; il-kawża C-366/88, *Franza vs il-Kummissjoni*, [1990] ECR I-3571, il-paragrafi 8 u 11.

[56] Il-Kawżi Konġunti 1/57 P u 14/57, ibid.

[57] Il-Kawża C-57/95, ara n-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 22; il-Kawża C-325/91, ara n-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 26.



PUBLIC

"*effetti legali*")[58], waqt li, f'ċerti każijiet, irreferiet għal dawn l-atti bħala li għandhom "*effetti legali vinkolanti*"[59].

75. F'dan il-kuntest, huwa mfakkar li l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Aarhus jipprevedi l-possibbiltà li jinbdew proċedimenti quddiem il-Qorti "*skont id-disposizzjonijiet pertinenti tat-Trattat*" u, għalhekk, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE. Kif imsemmi fil-paragrafu 24 hawn fuq, il-Qorti Ġenerali interpretat il-kunċett ta' att li għandu "*effetti esterni li jorbtu legalment*", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus, bħala konsistenti ma' dak ta' att li jipproduċi effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE[60].

76. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, huwa raġonevoli li wieħed jikkonkludi li ma hemm l-ebda differenza fis-sustanza, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' att amministrattiv skont ir-Regolament ta' Aarhus, bejn l-użu tat-termini "*li għandhom effetti legali u esterni*" u "*li għandhom effetti esterni li jorbtu legalment*". Konsegwentement, is-SLK iqis li l-emenda ssuġġerita mill-ACCC ma tibdilx il-portata sostantiva tad-definizzjoni ta' "att amministrattiv" li tinsab fil-Proposta. Dan jista' jiġi ttrattat b'għadd ta' modi. It-terminu "*effett legalment vinkolanti u estern*" jista' jinżamm, u l-fatt li dan għandu jitqies bħala ekwivalenti għat-terminu "*li għandu effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi*" jista' jiġi spjegat lill-ACCC. Alternattivament, il-formulazzjoni ssuġġerita mill-ACCC tista' tiġi aċċettata, u l-lingwaġġ ta' spjegazzjoni jista' jiddaħħal fi premessa biex jiġi spjegat li d-definizzjoni għandha taqra f'konformità mal-Artikolu 263 TFUE u l-ġurisprudenza relatata[61].

**B. Atti "*adottati minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni*"**

77. Il-Parir tal-ACCC tal-2021 jikkummenta wkoll dwar waħda mill-bidliet l-oħra li saru fid-definizzjoni riveduta ta' "*att amministrattiv*" skont il-Proposta. Dan jirreferi għal atti mhux leġiżlattivi "*<u>adottati</u> minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni(...)*" (enfasi miżjuda). L-ACCC tqis li l-użu tat-terminu "*adottati*" jista' jillimita *"il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti li jistgħu jkunu soġġetti għal kontestazzjoni skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus*"[62].

---

[58] Il-Kawża C-325/91, ara n-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 30.
[59] Il-Kawżi Konġunti C-463/10 P u C-475/10 P, ara n-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 36; ara wkoll il-Kawża 60/81, in-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 9 ("*effetti legali... li jorbtu*").
[60] Kawża T-9/19, ara n-nota 31 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 149.
[61] Approċċ ieħor seta' jikkonsisti fl-emenda tal-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus sabiex jiġi allinjat mal-formulazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE direttament.
[62] Il-paragrafu 46 tal-Parir tal-ACCC tal-2021.


PUBLIC

78. L-ACCC ma elaborax aktar dwar it-tħassib tiegħu, iżda s-SLK iqis li huwa possibbli li jsiru l-kummenti ġenerali li ġejjin bi tweġiba għal dan it-tħassib.

79. Huwa raġonevoli li t-terminu "adottati" jiġi interpretat bħala li jirreferi għal atti li m'għadhomx f'forma ta' abbozz. Tali atti ġew iffinalizzati skont il-proċeduri applikabbli għalihom u jistgħu jkunu s-suġġett tal-proċedura ta' reviżjoni interna prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus, sakemm jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti l-oħra tad-definizzjoni. Kif ġie diskuss iktar 'il fuq fil-punt 74, il-Qorti ddeċidiet b'mod konsistenti, fir-rigward tal-Artikolu 263 TFUE, li atti li jkollhom effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi jistgħu jiġu kkontestati, irrispettivament mill-forma tagħhom[63]. B'analoġija ma' din il-ġurisprudenza, għall-finijiet tar-reviżjoni interna skont ir-Regolament ta' Aarhus, it-terminu preċiż użat sabiex jindika li l-att huwa ta' natura definittiva ("*adottat*", "*approvat*", "*approvat*" etc.) ma jimpurtax għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk għandux "*effetti esterni li jorbtu legalment*" skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament ta' Aarhus.

80. Għalhekk, is-SLK iqis li l-użu tat-terminu "*adottati*" fir-rigward tal-atti tal-Unjoni li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "*att amministrattiv*" fil-Proposta ma jillimitax il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti li jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni interna skont ir-Regolament ta' Aarhus.

81. Huwa mfakkar li hemm ħafna każijiet fejn it-Trattati jirreferu sempliċiment għal atti "ta"l-istituzzjonijiet[64]. Approċċ alternattiv ikun li tintuża l-istess formulazzjoni hawnhekk; dan lanqas ma jbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni.

## IX. MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI FIL-LIVELL TAL-ISTAT MEMBRU

82. Il-proposta tagħmel distinzjoni bejn atti li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-UE, li għalihom jiġi pprovdut rieżami amministrattiv intern, iżda biss fil-mument li fih tiġi adottata l-miżura ta' implimentazzjoni inkwistjoni, u atti li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri, li għalihom ma tkunx prevista reviżjoni interna[65].

---

63 F'dan is-sens, il-Kawża C-147/96, ara n-nota 55 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 27.
64 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4 TUE u l-Artikolu 263 TFUE nnifsu.
65 Ara l-Artikolu 1(1) u (2)(a) tal-Proposta.



PUBLIC

83. Il-Parir tal-ACCC tal-2021 jindika li mhuwiex konformi mal-Konvenzjoni ta' Aarhus li atti tal-Unjoni li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jkunu eżentati minn reviżjoni interna. Hija tirrikonoxxi li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ma setgħux iwettqu reviżjoni interna tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali huma stess. Madankollu, hija ssostni li r-reviżjoni interna tal-att tal-Unjoni għandha tkun permessa ladarba jiġu adottati l-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali.

84. Is-SLK iqis li dan il-Parir jonqos milli jieħu kont tal-ispeċifiċità tal-ordni legali tal-UE, u tar-rimedji differenti disponibbli dwar l-atti tal-Unjoni u dawk nazzjonali fil-qasam tal-liġi ambjentali. Meta jkunu meħtieġa miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni ta' att tal-Unjoni, entità kwalifikata li tfittex li tikkontesta dik il-miżura jenħtieġ li tfittex rimedju f'konformità mar-rimedji nazzjonali applikabbli. Dan huwa konsistenti mal-approċċ meħud għal atti regolatorji li jinvolvu miżuri ta' implimentazzjoni fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' azzjoni għal annullament skont dan il-paragrafu minħabba l-possibbiltajiet li jeżistu biex jiġu kkontestati tali miżuri ta' implimentazzjoni[66]. Huwa mfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-paragrafu twessa' mit-Trattat ta' Lisbona, sabiex jipprevedi rieżami ġudizzjarju minn applikanti mhux privileġġati ta' atti regolatorji li jikkonċernawhom direttament, iżda biss fejn dawn ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni. Kif indikat fil-punt 24 hawn fuq, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-Kawża T-9/19 (*ClientEarth vs BEI*), li atti li jistgħu jiġu soġġetti għal reviżjoni interna skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus għandhom jiġu interpretati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 263 (il-paragrafu 149 tas-sentenza).

85. Fir-rigward tar-rimedji nazzjonali, minbarra kwalunkwe possibbiltà amministrattiva għal rieżami tal-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni li jistgħu jeżistu, hemm mezzi ta' rimedju ġudizzjarju li jipprovdu forum xieraq biex tiġi kkontestata l-validità tal-att tal-Unjoni li abbażi tiegħu jkunu ttieħdu dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni.

[66] CONV 636/03; CONV 619/03; Grupp ta' Ħidma II tal-Konvenzjoni Ewropea - Dokument ta' Ħidma nru 21 tas-7 ta' Ottubru 2002.

86. Dan jista' jinkiseb billi jinbdew proċeduri kontra l-miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji fl-Istat Membru inkwistjoni, fejn l-applikant jista' jinvoka l-invalidità tal-att tal-Unjoni li jeħtieġ tali implimentazzjoni nazzjonali. F'dak il-kuntest, il-qorti nazzjonali għandha titlob deċiżjoni preliminari lill-Qorti, skont l-Artikolu 267 TFUE, dwar il-validità tal-att tal-Unjoni[67].

87. Kif indikat fil-paragrafu 17 hawn fuq, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirrikjedi li jkunu disponibbli rimedji amministrattivi jew ġudizzjarji għal atti li jiksru l-liġi ambjentali, iżda ma jirrikjedix it-tnejn. Is-SLK iqis li l-esklużjoni tal-atti tal-Unjoni li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell nazzjonali minn reviżjoni interna, kif previst fil-Proposta, hija konsistenti mal-prinċipji fundamentali tal-ordni legali tal-Unjoni u mas-sistema ta' rieżami ġudizzjarju tagħha.

## X. KONKLUŻJONI

88. Bħala konklużjoni, is-Servizz Legali tal-Kunsill huwa tal-opinjoni li:

a) id-definizzjoni ta' "*atti amministrattivi*" li jista' jkollhom reviżjoni interna skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus għandha tiġi ċċarata aktar fl-abbozz tat-test sabiex ikun aktar ċar li dan il-kunċett ikopri kemm atti ta' portata individwali kif ukoll atti regolatorji li jistgħu jiġu kkontestati skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE;

b) l-estensjoni proposta tal-proċedura ta' reviżjoni interna biex tkopri atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali, kif stabbilit fil-Proposta, hija kompatibbli mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE;

[67] C-456/13 P, *T & L Sugars e Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2015:284, il-paragrafi 29-31; C-274/12 P, *Telefónica vs Il-Kummissjoni*, EU:C:2013:852, il-paragrafi 27-29;
C-583/11 P, ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna, il-paragrafu 93.



PUBLIC

c) fin-nuqqas ta' ġurisprudenza ċara dwar il-kwistjoni, ma jistax jiġi eskluż li, f'ċerti ċirkostanzi, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(5) TFUE fejn tkun prevista applikazzjoni proviżorja, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(9) TFUE jistgħu jkunu s-suġġett ta' reviżjoni interna skont ir-Regolament ta' Aarhus, jekk jiġi emendat kif propost;

d) id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Aarhus japplikaw għal miżuri adottati skont it-TFUE (jew it-TUE) li jikkonċernaw il-qasam tal-enerġija nukleari, iżda ma japplikawx għall-miżuri adottati skont it-Trattat Euratom;

e) huwa legalment possibbli, jekk jiġi deċiż hekk mil-leġiżlatura tal-Unjoni, li r-Regolament ta' Aarhus jiġi emendat sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt li tintalab reviżjoni interna lil hinn mill-kunċett ta' "*entitajiet kwalifikati*" previst fl-Artikolu 11 tal-verżjoni attwali ta' dak ir-Regolament;

f) għall-finijiet tar-Regolament ta' Aarhus, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma hemm l-ebda differenza sostantiva bejn it-terminu "*effetti esterni li jorbtu legalment*" u t-terminu "*effetti legali u esterni*" fid-definizzjoni ta' "*att amministrattiv*";

g) l-użu tat-terminu "*adottat*" (fil-Proposta) fir-rigward ta' atti amministrattivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' reviżjoni interna ma jirrestrinġix il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik ir-reviżjoni;

h) l-esklużjoni (fil-Proposta) mill-proċedura ta' reviżjoni interna ta' dispożizzjonijiet ta' atti amministrattivi li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri hija konsistenti mas-sistema ta' rieżami ġudizzjarju tal-Unjoni u mal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

---



PUBLIC